MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tal-15 ta' Frar, 2007

Numru. 35/2005

**Il-Pulizija**
**Spettur Maurice Curmi**
**v**

**JOSEPH VELLA**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **JOSEPH VELLA** ta' disgha w hamsin sena bin Gaetano u Rosa Anna nee Mallia, imwieled Marsa nhar l-erbgha ta’ Novembru 1945 u joqghod 'Serena Apart Hotel’, Triq l-Punici, Xlendi, Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita numru 911445M, gie mressaq quddiemha akkuzat talli f’Ghawdex, b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b’risoluzzjoni wahda, bejn d-disgha ta’ Marzu 1999 u l-ghaxra ta’Awissu 2003, bhala direttur tas-

‘Serena Apart Hotel’, sitwat fi Triq il-Punici, Xlendi, Ghawdex, b'mezzi qarrieqa u li bihom setgha kellu l-uzu jew il-konsum illegittimu ta’ dan l-kurrent elettriku jew li bihom setgha jwaqqaf jew jbiddel il-kejl jew markar tal-*meter*, ikkommetta serq ta' kurrent elettriku ghad-detriment tal-Korporazzjoni EneMalta, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz u bil-valur li huwa izjed minn elf lira maltin.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija, minbarra milli taghti l-piena stabbilita mill-ligi, tordna lil imputat jhallas l-ispejjes li ghandhom x’jaqsmu mal-hatra tal-esperti ai termini tal-artikolu 533 (1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha tal-kawza w id-dokumenti kollha esibiti fosthom l-process verbal relattiv redatt mill-Magistrat Dottor Paul Coppini nhar t-tletin ta’ Marzu 2005 [fol 17 et seq] kif wkoll l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali nhar l-erbgha w ghoxrin ta’ Novembru 2006 [fol 88] sabiex fin-nuqqas t’oggezzjoni da parti tal-imputat, din il-kawza tigi trattata u deciza minn din il-Qorti.
Semghet lil imputat jiddikjara fis-seduta tal-hamsa ta’ Dicembru 2006 li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferuta [fol 89].

Semghet lix-xhieda kollha prodotta mill-prosekuzzjoni.

Semghet lil partijiet jiddikjaraw fis-seduta tas-sittax ta’ Jannar 2007 li kienu qed jirrimettu ruhhom ghal atti processwali.

Ikkunsidrat:

Illi nhar d-dsatax ta’ Ottubru 2006 **xehed Dottor Kevin Mompalao** li kkonferma r-relazzjoni tieghu esibita bhala dokument KM 1 [fol 24 et seq tal-atti].

Minn ezami ta’ din r-relazzjoni jirrizulta li l-*meter* in dezamina kien bla sigilli, kif wkoll *s-service box* tieghu, kienet ta’ *three phase* hlief ghal sigill wiehed fuq wiehed mit-tlett *fuses*. Dan ifisser, fil-fehma tal-espert, li l-*meter* w

iz-zewg *fuses* kienu kompletament aperti b'mod li l-konsumatur kellu access kontinwu ghal apparat intern tal-*meter* u ghal *fuses* in kwistjoni.

Illi bil-*fuses* aperti, facilment jista jsir serq ta' kurrent elettriku billi jsir *bye-pass* bejn il-*fuses* w id-*domestic panel*, b'mod li l-*meter* jinqabez kompletament u ma jirregistrax dak l-konsum.

Illi l-espert ikkonstata d-danni subiti mill-Korporazzjoni EneMalta li ma gew kontestati minn hadd, fl-ammont ta' tlett liri maltin.

Illi nhar d-dsatax ta' Ottubru 2006 **xehed Mario Pavia** [fol 79] fejn qal li Joseph Vella kien ghamel rapport li kellu *fuse* imtajjar fil-*meter* tieghu u kien ghalhekk li huma marru jaghmlu t-tiswija necessarja fuq l-istess *meter*. Ix-xhud ikkonferma fl-intier taghha l-istqarrija rilaxxjata minnu stess waqt l-inkjesta magisterjali nhar d-disgha ta' Settembru 2003 [fol 45] fejn fiha iddeskriva l-istat li nstab l-*meter* u cioe l-irregolaritajiet kollha li kkonstata kif deskritti mill-espert nominat mill-Qorti Dottor Kevin Mompalao fir-rapport tieghu. Mistoqsi mill-Qorti jekk fil-fatt kienux imorru l-*meter readers* jaqraw l-imsemmi *meter*, ix-xhud wiegeb li sa fejn jaf hu, kienu jmorru, ghalkemm ma setghax jghid b'certezza.

Illi nhar d-dsatax ta' Ottubru 2006 **xehed Raymond Camilleri** [fol 80] fejn qal li xogholu hu li jwahhal l-*meters* tal-Korporazzjoni EneMalta. Zied jghid li dakinhar tad-disgha ta' Dicembru 2003, hu kien mibghut biex jaghmel spezzjoni fil-*meter* tal-imputat presenti fl-awla fis-Serena Hotel fejn kien sab xi sigilli neqsin. Qal li fuq dan hu kien ghamel rapport lis-superjuri tieghu. Ix-xhud ikkonferma fl-intier taghha l-istqarrija rilaxxjata minnu stess waqt l-inkjesta magisterjali nhar l-ghaxra ta' Settembru 2003 [fol 47] quddiem l-espert nominat mill-Qorti, fejn fiha ddeskriva l-istat li fih nstab il-*meter* in dezamina u cioe d-difetti li kien hemm fis-*service box* tieghu.
Illi nhar d-dsatax ta' Ottubru 2006 **xehed PS 261 Raymond Caruana** [fol 81] fejn qal li nhar d-disgha ta' Awissu 2003, kien mar l-ghassa sabiex jaghmel rapport

certu Mario Pavia fil-kapacita tieghu ta' rappresentant tal-Korporazzjoni EneMalta. Gie allegat fl-imsemmi rapport li waqt spezzjoni li hu kien qed jaghmel fl-istabbiliment Serena Hotel, Triq il-Punici, Xlendi, nnota li kien hemm xi rregolaritajiet fl-istess *meter*. Qal li sussegwentement hu kien informa lis-superjuri tieghu b'dak li kien kkonstata. Ix-xhud esibixxa l-okkorrenza relattiva li giet mmarkata bhala dokument CSH.

Illi nhar d-dsatax ta' Ottubru 2006 **xehed Nazzareno Azzopardi** [fol 84] fejn qal li fis-sena 2003 hu kien jahdem bhala ufficjal tekniku mal-Korporazzjoni EneMalta, fis-sezzjoni tal-*meters*. Qal li jiftakar li kien ghamel spezzjoni fuq il-*meter* installat fil-fond Serena Hotel u li kien assista lil Mario Camilleri fil-bdil tal-*meter*. Ix-xhud, wara li giet moqrija lilu l-istqarrija rilaxxjata minnu stess waqt l-inkjesta magisterjali, zied jghid li s-sigilli li hemm imsemmija fix-xhieda tieghu ma kienx hu li wahhalhom izda siehbu li wkoll huwa rappresentant tal-Korporazzjoni EneMalta.

Illi nhar d-dsatax ta' Ottubru 2006 **xehed Felix Mifsud** [fol 85] fejn qal li hu jahdem bhala *linesman* mal-Korporazzjoni EneMalta. Ftakar li zmien qabel kien mar s-Serena Hotel peress li kien hemm *phase* nieqes, xi sigill nieqes u *service box* miksura. Ftakar wkoll li kien ta d-deposizzjoni tieghu quddiem l-espert nominat mill-Qorti. Wara li giet moqrija lilu l-istqarrija rilaxxjata minnu stess quddiem l-istess espert nhar l-hmistax ta' Settembru 2003 [fol 49], ix-xhud ikkonfermha fl-intier taghha fejn fiha ddikjara li l-hsara principali kienet fis-*service box* li kellha sigill nieqes u l-*base* kienet miksura.

Illi nhar d-dsatax ta' Ottubru 2006 **xehed Lawrence Galea** [fol 86] fejn qal li hu jahdem bhala *handyman full time* fl-istabbiliment Serena Hotel. Qal li l-*phase* mis-*service box* installat fl-imsemmi fond kien mghobbi hafna u li sikwit kien imur. Qal li sar jaf li darba minnhom xi mpjegati kienu wkoll marru fl-imsemmi stabbiliment u sabu li kien hemm xi sigill nieqes. Qal li l-*meter* in kwistjoni kien jinstab wara l-bieb ta' barra u meta kien imur l-*meter reader*, hu gieli kien ikun presenti, pero l-

*meter reader* qatt ma kien gibed l-attenzjoni taghhom ghal xi rregolarita fil-*meter*. Wara li giet moqrija lilu l-istqarrija minnu rilaxxjata quddiem l-espert tal-Qorti li tinsab a fol 44 tal-atti, x-xhud ikkonfermha fl-intier taghha.

F’din x-xhieda a fol 44, x-xhud stqarr li gieli jkollhom problemi fl-elettriku u ta’ sikwit kienu jmorru haddiema tal-Korporazzjoni EneMalta ghal haga jew ghal ohra. Huwa fil-fatt qal wkoll li sid l-fond, gieli jgibu d-dar biex ibiddel bozza, ghaliex hu mhux bniedem kapaci ghal dan x-xoghol u fil-fatt eskluda l-fatt li l-imputat setgha mess l-*meter* in dezamina.

<u>L-imputat, ma xehdtx f’dawn il-proceduri pero ta x-xhieda tieghu wara li gie mwissi bid-drittijiet tieghu fl-atti tal-inkjesta nhar l-hdax ta’ Awissu 2002 [fol 43]</u>.
Illi minn ezami tal-istess jirrizulta li l-lukanda ‘Serena’ fejn nstab l-*meter* irregolari, hija proprjeta tal-kumpanija Serena Hotel Limited, li taghha l-imputat huwa direttur u fil-fatt izid jghid li huwa l-konsumatur registrat mal-Water Services Corporation u mal-Korporazzjoni EneMalta.

Huwa jghid li l-*meter* in kwistjoni huwa wiehed apert, accessibbli ghal kulhadd u mhux l-ewwel darba li fil-lukanda sabu xi vendikazzjoni u ma jeskludix l-fatt li s-sigilli setghu naqsu b’vendikazzjoni.

Qal wkoll li huwa qatt ma baghbas fis-sigilli ghal motiv ta’ serq u zied jghid li ‘n effetti, hu m’ghandu ebda idea kif tahdem s-sistema tad-dawl.

Jghid wkoll li effettivament kien hu li cempel lil Korporazzjoni EneMalta sabiex jirrapporta xi hsarat fis-sistema u li kieku kellu xi haga x’jahbi, ma kienx jaghmel dan.

Ikkunsidrat:

Illi d-difiza sostniet li din il-Qorti m’ghandiex issib lil imputat hati tal-akkuzi kif addebitati lilu ghaliex l-prosekuzzjoni naqset li tipprova li l-imputat huwa r-*registered consumer* tal-*meter* in dezamina.

Il-Qorti tirribadixxi din il-linea difensjonali ghaliex kien l-imputat stess, waqt x-xhieda li hu ta fl-inkjesta, li ma gietx kontestata, li hu kien r-*registered consumer* tal-*meter* in kwistjoni w ghalhekk tali linea difensjonali qed tigi michuda minnufih.

Il-Qorti taghmel referenza ghal diversi sentenzi moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali*** fosthom **Il-Pulizija v Anthony Lanzon** moghtija nhar ***t-tnejn ta' Settembru, 1998***, **Il-Pulizija v Emanuel sive Lino Cassar** moghtija nhar ***s-sitta w ghoxrin ta' Ottubru, 1998,*** **Il-Pulizija v Paul Barbara** moghtija nhar ***s-sitta w ghoxrin ta' Mejju, 1998*** fejn giet spjegata l-presunzjoni *iuris tantum* applikabbli ghal dan r-reat kif dispost fl-artikolu 264(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi l-artikolu 264(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta jistabilixxi li jekk jigi ppruvat l-ksur u il-presenza ta' mezzi qarrieqa li bihom wiehed jista jkollu l-uzu jew il-konsum illegittimu tal-kurrent elettriku jew jbiddel r-registrazzjoni tal-konsum, allura jitqies bhala prova li d-detentur tal-fond jew il-persuna li jkollha f'idejha l-fond fejn ikunu nstabu dawn il-mezzi qarrieqa, **jaf** b'dan l-uzu jew konsum ta' kurrent elettriku, <u>sakemm ma jigix ippruvat l-kuntrarju.</u>

Ghalhekk f'dan il-kaz, l-*onus* tal-prova jinqaleb u ma jibqax iktar fuq il-Prosekuzzjoni, izda jinkombi fuq l-imputat odjern. Ir-rizultat ta' dan l-ispustjar tal-prova ghal fuq l-imputat, hi li l-posizzjoni tal-Prosekuzzjoni tkun giet reza aktar facli u b'hekk hi tkun tista tasal fejn trid minghajr sforzi ta' xejn.

Illi huwa car ghalhekk li dan l-artikolu 264(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta johrog presunzjoni ta' **dolo**, *iuris tantum*, li ghandha tipprevali jekk ma jigix ppruvat il-kuntrarju.

Din il-presunzjoni ma hiex xi wahda assoluta w ghandha tigi applikata bl-akbar rigorosita. Din treggi <u>biss</u> sakemm ma jingibux provi kuntrarja li jistghu jingiebu mill-imputat. Ma dan il-Qorti trid tosserva li l-ligi ma tispustjax l-oneru tal-prova tal-innocenza tal-imputat ghal fuqu. L-oneru tal-

prova jibqa dejjem fuq il-Prosekuzzjoni, li ghandha a favur taghha, din il-presunzjoni li pero, tista tigi newtralizzata b'xhieda u provi ohra tal-istess Prosekuzzjoni jew tad-difiza [ara wkoll ***Appell Kriminali 282/93*** **Il-Pulizija v Michael Attard** ***deciza nhar t-tnax ta' Frar, 1993 per Imhallef Carm Lino Agius***].

Illi ghalkemm l-imputat ma xehedx f'dawn il-proceduri, hu ta x-xhieda tieghu fl-inkjesta, li wkoll inghatat bil-gurament. Illi huwa cahad li kien hu li baghbas l-*meter* in kwistjoni jew li qabbad lil xi mpjegat minn tieghu sabiex jaghmel hekk. In oltre, ddikjara li huwa ma jifhem xejn fis-sistema tal-elettriku. Illi dan il-fatt huwa konfermat u mhux kontestat mill-*handyman* tal-istess lukanda Lawrence Galea fix-xhieda li hu ta waqt l-inkjesta [fol 44].

In oltre, il-Qorti taqbel mal-imputat f'dak li qal fis-sens li jekk hu kellu xi haga x'jahbi f'din il-kwistjoni, ma kienx icempel lil Korporazzjoni EneMalta biex jirrapporta l-hsarat li kien hemm fis-sistema tal-elettriku tieghu.

**Il-Qorti** ghalhekk wara li rat l-artikolu tal-ligi partikolarment l-artikolu 264(2) u 335(c) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, **tiddikjara li <u>ma ssibx</u> lil imputat JOSEPH VELLA hati tal-akkuza addebitata fil-konfront tieghu u konsegwentement tilliberah minn dawn l-akkuzi.**

**Inoltre, stante l-liberazzjoni tal-imputat, il-Qorti qed tichad wkoll t-talba konsegwenzjali tal-prosekuzzjoni maghmula ai termini tal-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------